Kunsill Reġjonali Ċentru

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 44

# IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 44

Il-Ħamis 21 ta’ Jannar, 2021

Il-Kunsill Reġjonali Ċentru ltaqa’ onlajn permezz tal-programm Microsoft Teams, fil-5:30 ta’ filgħaxija.

PREŻENTI ONLAJN:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Sindku Ħ’Attard
Dott. Angelo Micallef - Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sra. Graziella Attard Previ – Viċi Sindku tas-Sliema
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta’ Xbiex
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sinjura Joanne Debono Grech – Sindku Birkirkara
Is-Sur Trevor Fenech – Sindku San Ġwann

ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan
Is-Sur Gianluca Falzon – Viċi Sindku Santa Venera

ASSENTI

Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pieta’
Is-Sra. Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba w ippresjeda l-laqgħa.

## 44.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

44.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, u mingħand il-Viċi Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Gianluca Falzon.

44.1.2 Il-membri preżenti aċċettaw din l-apoloġija.

## 44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

44.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 43 li saret nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru 2020 kienu meħuda bħala moqrija.

44.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, u sekondati mill-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Angelo Micallef.

## 44.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Aġġornament fuq il-Website*

44.3.1 Il-President informa lill-membri preżenti dwar laqgħa li nżammet fl-uffiċċju tal-Kunsill Reġjonali Ċentru nhar il-Ħamis 7 ta' Jannar 2021 sabiex issir strateġija dwar promozzjoni tal-website il-ġdida – regjuncentru360.org.

44.3.2 Hu spjega kif kien hemm qbil sabiex isir riklam qasir fuq kull knisja u ġie rreklamat fuq il-paġna ta' Facebook għal perjodu ta' għaxar tijiem, wieħed wieħed. Żied jgħid ukoll kif fl-aħħar ġimgħa aktar minn elf ruh żar dan is-sit.

44.3.3 Is-Sindku ta' Birkirkara, is-Sra. Joanne Debono Grech, staqsiet jekk il-Kunsilli Lokali għandhomx jibqgħu għaddejin jaħdmu ma' l-istess persuna jew jekk hux ser tinħareġ sejħa.

44.3.4 Il-President spjega kif din ser tiġi diskussa aktar 'l quddiem fil-laqgħa.

- ***Proġett - Nudging Active Travel***

44.3.5 Il-President informa lill-membri preżenti dwar laqgħa li nżammet onlajn nhar it-Tnejn 11 ta' Jannar 2021 ma' Profs. Maria Attard rigward il-Proġett 'Nudging Active Travel' fejn saret preżentazzjoni qasira dwar x'sar s'issa u l-pass li jmiss. Il-KL ser jirċievu emejl mingħand Profs Attard sabiex kull Kunsill Lokali jindika/jissuġġerixxa fejn l-aħjar li jitwaħħal dan it-totem sign fil-lokalità rispettiva. Is-Suġġerimenti mingħand kull KL ser jiġu evalwati sabiex umbad ikunu jistgħu jinħarġu r-rottot minn kull totem pole.

44.3.6 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa. Margaret Baldacchino Cefai, infurmat li bħala Kunsill Lokali kienu għadhom ma rċievew xejn.

44.3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sra. Jeanette Galea, spjegat li kull Kunsill Lokali għandu jirċievi emejl dwar dan fil-ġranet li ġejjin.

- *laqgħa mas-CEO ta' l-MTA*

44.3.8 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li kellha tinżamm mas-Sur Johann Buttigieg, nhar l-Erbgħa 20 ta' Jannar 2021, pero minħabba li ninsab kwarantina obligatorja din il-laqgħa tmexxiet għal nhar il-Ġimgħa 5 ta' Frar 2021. Dettalji dwar xi jkun intqal f'din il-laqgħa tingħata fil-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li jmiss.

44.3.9 Il-President wieġeb għall-mistoqsija li kienet resqet is-Sra. Joanne Debono Grech rigward il-proġett li qed isir fuq il-website reġjunċentru360 u spjega li 'l quddiem għandha tinħareġ sejħa sabiex inkunu ċerti li kull Kunsill Lokali qed jimxi ma' l-istess persuna li qed jipprovdi dan is-servizz.

44.3.10 Is-Sra. Margaret Baldacchino Cefair staqsiet jekk fil-preżent jistgħux jużaw servizz mingħand xi ħaddieħor

44.3.11 Is-Sur Fenech Adami spjega li d-domanda li qajmu l-Kunsill kien jaf biha madanakollu hu ma joffrix l-istess servizz li qed jiġi provdut mingħand is-supplier li hemm bħalissa.

44.3.12 Is-Sra. Joanne Debono Grech ikkonfermat l-approvazzjoni tagħħa minn naha tagħha.

44.3.13 Is-Segretarju Eżekuttiv Sa. Jeanette Galea staqsiet jekk dawn il-proġetti hux ser jibqgħu jiġu ffinanzjati mill-Kunsill Reġjonali Ċentru.

44.3.14 Is-Sur Fenech Adami spjega li wieħed għandu jara lezitu tal-laqgħa li għandha tinżamm mas-CEO ta' l-MTA, jekk ikun hemm fondi mgħotija.

- *Sitwazzjoni rigward is-sistema ta' l-iskart*

44.3.15 Is-Sur Fenech Adami kien ġie mitlub biex issir laqgħa mal-Ministru dwar l-iskart u għamel referenza għall-webinar li nżamm fuq dan is-suġġett mill-AKL.

44.3.16 Is-Sur Fenech Adami spjega kif is-sitwazzjoni hija kkonfermata li s-sejħa ser tinħareġ mir-Reġjuni pero jitmexxew mill-Kunsilli Lokali u meta hu ressaq kif il-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun ma jaqblux ma dan, huwa ġie infurmat li dawn jistgħu jitkelmu ma' l-AKL biex jispjegaw x'ser jiġri eżatt peress li din hija deċiża.

44.3.17 Is-Sra. Joanne Debono Grech espremiet kif, fl-opinjoni tagħha, din ma kinitx tagħmel sens.

44.3.18 Il-President spjega kif kull kunsill irid ikompli jieħu ħsieb bħal ma qieghed jghamel fil prezenet bid-differenza li kull xahar il-kuntrattur johrog invoice lir-regjun, ir regjun jara mal kunsill rispettiva dwar is servizz li jkun ingħata f'dak ix-xahar.

44.3.19 Is-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, issuġġerixxa li r-Reġjun għandu jitlob laqgħa b'mod immedjat ma' l-AKL peress li hu ma jaqbilx mal-kunċett li s-sejħa tinħareġ mir-Reġjun umbad il-Kunsill joqgħod iżommu is-supervizzjoni tax-xogħol.

44.3.20 Il-Viċi Sindki ta' Ħal Balzan, Dott. Angelo Micallef, qabel perfettament mas-Sur Cordina b'mod speċjali fejn ser ikun hemm biddla fil-viċin dwar il-Kunsill Reġjonali u nispiċċaw ma kuntrattur li fil-preparamenti ma kellhom l-ebda say dwar id-deċiżjoni finali.

44.3.21 Il-membri preżenti qablu b'mod unanimument mas-suġġeriment tas-Sur Cordina u għal din ir-raġuni l-President talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tissejjaħ laqgħa mas-Sur Mario Fava dwar dan is-suġġett.

44.3.22 Is-Sindku ta' San Ġwann, is-Sur Trevor Fenech, spjega li l-Kunsill Lokali tiegħu wasal biex joħroġ sejħa ġdida għal ġbir ta' l-iskart u staqsa x'għandu jgħamel f'dan l-istadju.

44.3.23 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa. Galea, infurmatu li għandu jitkellem dwar dan mad-Dirtettur fuq Monitoraġġ u sapport, is-Sur Chris Galea, sabiex jigwiedah aħjar.

44.3.24 *05:50pm – Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa. Margaret Baldacchino Cefai, skużat ruħha mill-laqgħa peress li kellha tattendi għall-laqgħa oħra.*

44.3.25 Is-Sur Max Zammit xtaq ikun jaf il-motivazzjoni jew ir-raġunament pożittiv għalfejn ġie deċiż hekk għalkemm huma bħala membri ma jaqblux ma din id-deċiżjoni. Żied jgħid ukoll li għal webinar ta' l-AKL dwar dan is-suġġett kellha tkun preżenti s-Segretarju Eżekuttiv u kien għad m'għandu l-ebda *feedback* dwar dan.

44.3.26 Is-Sur Trevor Fenech qal li hu wkoll ma kien għad kellu l-ebda *feedback* mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tiegħu.

44.3.27 Is-Sur Max Zammit staqsa kif lanqas kemm kienet ser tkun l-allokazzjoni finanzjarja ma kienu għadhom jafu.

44.3.28 Is-Sra. Jeanette Galea qalet kif l-allokazzjoni tar-Reġjun għas-sena 2021 kellha titlob id-Dipartiment sabiex tingħata din l-informazzjoni minħabba li ried jiħi ppreżentat baġit għall-istess sena.

44.3.29 Is-Sur Zammit qal kif kull lokalità għandha l-problemi u l-ideat tiegħu.

44.3.30 Il-President spjega kif is-suġġett ma kienx ser ikun hemm qbil jew risposti ċari u għal din ir-raġuni dawn il-punti li tqajmu waqt din il-laqgħa għandhom jiġu diskussa fil-laqgħa li għandha tinżamm mas-Sur Mario Fava.

44.3.31 *05:55pm – is-Sindku ta' Birkirkara, s-Sa. Joanne Debono Grech, talbet sabiex tiġi skużata mill-laqgħa.*

- *Fondi mill-LESA lill-Kunsilli Lokali u Kunsilli Reġjonali*

44.3.32 Il-President xtaq jiġbed l-attenzjoni dwar dawn il-fondi li kienu ngħata f'nofs is-sena 2019 u li, għalkemm kienu saru l-applikazzjonijiet għal proġetti mill-Kunsilli Lokali, l-maġġoranza tal-Kunsilli għadhom s'issa m'għamilx il-proġett.

44.3.33 Hu żied jgħid kif il-Kunsilli Lokali ta' Ħal Lija, Ħal Balzan u Santa Venera kienu l-unika Kunsilli li għamlu l-proġett u qal kif hu jittama li s-Sindki huma nfurmati dwar dan u jittama wkoll li ser isir użu minnhom dawn il-fondi.

44.3.34 is-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, spjega kif il-fondi tiegħu għadhom ma ntużawx minħabba li ser jintużaw għall-uffiċċini l-ġodda tal-Kunsill Lokali.

44.3.35 Il-President ġibed l-attenzjoni li dawn il-fondi huma tal-LESA u mhux dawk maħruġa mill-Kunsill Reġjonali u spjega x'kien il-proġett li kien sottomess mill-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard.

44.3.36 Is-Sur Trevor Fenech talab lill-President sabiex jgħidlu x'kien hemm proġett għall-lokalità ta' San Ġwann.

44.3.37 Is-Sur Fenech Adami spjega kif il-proposta ta' San Ġwann kienet dwar CCTVs u website, installazzjoni ta' *safety equipment*, kif ukoll installazzjoni ġdida ta' dawk.

44.3.38 Il-membri preżenti talbu lill-President iffakkarhom x'kienu l-proposti u l-ammonti rispettivi.

44.3.39 Għal dan il-għan il-President ta l-informazzjoni mitluba peress li kien ingħata l-informazzjoni mill-AKL. U żied jgħid kif attivitajiet, bħal proposta ta' Ħ'Attard, iridu jsibu proġetti alternattivi minħabba li s-sitwazzjoni tal-COVID19 dis-sena ser tibqa bil-limitazzjonijiet.

44.3.40 Il-Viċi Sindku ta' tas-Sliema, is-Sra. Graziella Attard Previ, staqsiet sa meta dawn il-fondi setgħu jiġu wżata.

44.3.41 Il-President spjega kif dawn il-proġetti kellhom jiġu konkluża sa tmien is-sena 2020.

44.3.42 Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, kien applika għal smart parking u kien għadu qed jipprova jġib fondi oħra minn Skemi oħra maħruġa mid-Dipartiment peress li l-fondi mgħotija mill-LESA kienu nofs l-ammont tal-proġett globali.

44.3.43 Il-President spjega kif il-Kunsill Lokali irid jaħdem fuq il-fondi mgħotija u mhux jipproponi proġett aktar milli jiflaħ.

44.3.44 Is-Sur Fenech Adami żied jgħid ukoll kif matul il-ġranet li għaddew is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, Jeanette Galea, kienet bagħtet diversi emejls dwar *deadlines* u t-tweġibiet idumu ma jaslu.

44.3.45 Il-President żied jgħid kif il-fondi li ngħataw f'Diċembru 2020 huma kollha fondi tal-Kunsilli Lokali li kienu ressqu applikazzjoni u l-proġett għadu ma sarx u biex dawn il-fondi ma jintilfux, kienu ġew mgħoddija lill-Kunsilli Reġjonali.

44.3.46 Il-President żied jgħid li hu kien qed iqajjem dan il-punt minħabba li qed ikun hemm eluf ta' fondi li minħabba dawn il-problemi, qedin jintilfu. Saħansitra l-fondi li jmiss li ser jinħarġu mill-LESA ser isiru mod ieħor minħabba din ir-raġuni.

44.3.47 Uħud mill-membri talbu lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jgħaddu l-lista ta' l-iskemi li kienu nħarġu.

44.3.48 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sra. Jeanette Galea, spjegat li hi tistà terġa tibgħat din il-lista pero hi ma kellha l-ebda dokumentazzjoni dwar il-fondi li ma kienux utiliżżati mill-LESA.

44.3.49 Il-President spjega kif din il-lista kien ser jgħaddiha lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex hi tkun tistà tgħaddiha lill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun perezz ta' emejl.

## 44.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

44.4.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, staqsa lill-membri preżenti jekk kienx hemm xi mistoqsijiet li xtaqu jressqu.

44.4.2 Peress li ma kien hemm l-ebda mistoqsija, il-President mexa fuq l-item li jmiss ta' l-aġenda.

## 44.5 Rapporti

44.5.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, stieden lill-Accountant tar-Reġjun, is-Sra. Romina Perici Ferrante, sabiex tippreżenta r-rapporti finanzjarji preparati għal din il-laqgħa.

44.5.2 Is-Sra. Perici Ferrante tat deskrizzjoni dettaljata dwar il-*financial Statements* sa għeluq is-sena ta' l-2020.

44.5.3 Il-President staqsa kif il-flus li dan il-Kunsill Reġjonali kien ingħata mid-Dipartiment għal Gvern Lokali kienu qed jiġu riflessi fl-accounts peress li dawn mhumiex parti mill-allokazzjoni tar-Reġjun imma qedin hemm fuq perjodu ta' żmien sakemm il-Kunsilli Lokali kkonċernati jkunu lestew il-proġetti.

44.5.4 L-Accountant, is-Sra Perici Ferrante, spjega kif din is-somma kienet qedha mal-'payables' fejn tindika li dawn qed jinżammu għal perjodu ta' żmien u ser jiġu rifonduti lura lill-Kunsilli Lokali ġaladarba l-proġetti jkunu kompluti.

44.5.5 Peress li ma kien hemm l-ebda mistoqsija oħra mill-membri preżenti, ir-rapporti ġew approvati b'mod unanimu.

44.5.6 Il-Presidenti irringrazzja lis-Sra. Perici Ferrante talli kienet preżenti u tar-rapporti provduti.

## 44.6 *Performance Appraisals tas-Segretarju Eżekuttiv u ta' l-Impjegati għas-sena 2020*

44.6.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-performance appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sra. Jeanette Galea, għas-sena 2020 fejn hu ppropona li għandha tingħata l-persentaġġ sħieħ ta' 10%.

44.6.2 Il-membri preżenti qablu dwar dan b'mod unanimu.

44.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda il-*performance appraisals* ta' l-impjegati kollha fi ħdan ir-Reġjun fejn ipproponiet li dawn għandhom jingħataw il-persentaġġ sħieħ ta' 6%.

44.6.4 Il-membri preżenti approvaw dawn ir-rapporti b'mod unanimu.

## 44.3.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- ***SPI.SCI.9.2020 – Insaħħu t-twettieq tal-funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali u dawk Lokali***

44.7.1 B'referenza għal din iċ-ċirkulari maħruġa mill-SPI, il-President spjega kif fil-laqgħat li kienu nżammu dwar dan is-suġġett is-sena li għaddiet, iċ-Ċirkulari qed tgħid li dawn il-vakanzi għandhom jintlew minn impjegati u mhux tinħareġ sejħa ta' offerti u jkun hemm kuntrattur għas-servizz.

44.7.2 Il-President żied jgħid kif il-fondi li ser jingħataw lill-Kunsilli Reġjonali huma għal perjodu ta' sena u x'jiġri wara sena hija deċiżjoni tar-Reġjun u l-fondi għandhom jinħarġu mill-allokazzjoni.

44.7.3 Is-Sur Trevor Fenech staqsa jekk l-impjieg hux għal erbgħin siegħa u jekk hux possibli li tingaġġa lil xi ħadd fuq bażi part time u b'rata ftit għolja.

44.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif ir-Reġjun irid jgħażel jekk hux l-impjieg ser ikun fuq bażi part time jew full time u jekk hux ser jgħażel li jkollu s-sitt persuni jew uħud minnhom kif ukoll fuq liema skala ser jiġu ingaġġati.

44.7.5 Wara diskussjoni qasira dwar dan is-suġġett, il-President informa lill-membri sabiex ituħ ċans jitkellem mad-Dipartiment u jiċċara xi punti li tqajmu sabiex ir-Reġjun ikun f'pożizzjoni aħjar biex jieħu deċiżjoni.

- ***Kunsill Lokali San Ġiljan***

44.7.6 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex permezz skema numru 11/2020 ikun jistà jsir proġett fil-Knisja tal-Karmnu u l-Knisha ta' Lapsi l-Antika.

44.7.7 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- ***Kunsill Lokali Ta' Xbiex***

44.7.8 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex permezz ta' Skema numru 8/2020 ikunu jistgħu jiġu insallati lampi ġodda fi Triq Emanuele Galizia u Triq George Mitrovich.

44.7.9 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- ***Kunsill Lokali ta' l-Iklin***

44.7.10 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex permezz ta' Skema numru 8/2020 ikunu jistgħu jikkollaboraw ma' Lija/Iklin Football Youth Nursery u jipprovdu s-servizz ta' transport lit-tfal li jattendu.

44.7.11 Hu żied jgħid kif dan il-Kunsill ser ikun qed jikkolabora wkoll ma' Iklin Scout Group billi jgħin fl-ispejjeż

44.7.12 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali Sliema*

44.7.13 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex permezz ta' Skema numru 8/2020 jkunu jistgħu jixtru ekwipaġġ lit-tliet klabbs ta' l-isports fil-lokalità – Sliema Hotsticks Hockey Club, Exiles Sports Club u Sliema Aquatic Sports Club.

44.7.14 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali Msida*

44.7.15 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex permezz ta' Skema numru 8/2020 jkunu jistgħu jibbenifikaw ħames għaqdiet:

- Kumitat Festi Esterni San Ġużepp - €700
- Msida Pigeon Flying Club - €570
- Msida St Joseph Football Clun - €243.33
- Msida Youth Nursery - € 243.33
- Għaqda Melita Banda San Gużepp - €243.34.

44.7.16 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Fixed Asset Register*

44.7.17 Il-President informa lill-membri preżenti ser jitneħħew RCCE003 mill-inventarju u jiżdied in-numru RCCEE0032 għal bdil fil-kompjuter tower tas-Segretarju Eżekuttiv, ser jitneħħa wkoll RCFF01 u jiżdied RCFF054 minħabba siġġu, kif ukoll jitneħħa RCCE002 u jiżdied RCCE019 għal bdil ta' komjuter ta' wieħed mill-impjegati.

44.7.18 Dawn il-bidliet ġew approvati mill-membri preżenti.

- *Webinar fuq l-Immaniġjar ta' l-Iskart*

43.6.19 Il-President għamel referenza għal dan il-webines li kien inżamm mill-AKL nhar il-Ħamis 7 ta' Jannar 2021 fejn diversi Sindki u Segretarji Eżekuttivi għaddew is-suġġerimenti tagħhom.

44.7.20 *6:30pm – is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sra. Margaret Baldacchino Cafai, reġgħet daħlet għal din il-laqgħa.*

- *Allokazzjoni Finanzarja*

44.7.21 Il-President informa lill-membri kif dan ir-Reġjun kien irċieva l-ewwel tranche ta' l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2021 nhar l-Erbgħa 13 ta' Jannar 2021 bl-ammont ta' €162,500.

- *Neptunes WPSC*

44.7.22 Il-President informal ill-membri preżenti dwar laqgħa li kellu hu ma' dan il-klabb sabiex ir-Reġjun ikun jista jgħin sabiex ikunu jistgħu jibbenifikaw mill-fondi ta' l-Awtorità ta' l-Ipjanar ta' madwar €80,000.

44.7.23 Hu żied jgħid ukoll jixtiequ jgħamluha flimkien mar-Reġjun u offrew ukoll li jofru madwar 80 siegħa fil-gimgħa għall-anzjani sabie xjgħamlu użu minn dan il-*heated pool* bla ħlas- tliet darbiet fil-ġimgħa fil-ħin ta' filgħodu.

44.7.24 Is-Sa. Margaret Baldacchino staqsiet minn fejn ser jittieħdu dawn il-fondi.

44.7.25 Il-President spjega kif huma ser japplikaw mill-fondi ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar sabiex tkun kollaborattiva magħna u permezz t'hekk

44.6.26 Is-Sa. Margaret Baldacchino staqsiet jekk dawn hux ser jittieħdu mill-fondi ta’ San Ġiljan.

44.6.27 Is-Sur Max Zammit qal li hija inizjattiva tajba pero li jinteress lilna juri li m’għandhux biżżejjed

44.6.28 Il-President fakkar li NGOs jistgħu jibbenifikaw mill-fondi ta’ l-Awtorità ta’ l-Ippjanar u bħal ma kien il-każ fil-Kunsill Lokali tal-Pietà fejn il-proġett qed jgħamlu b’kollaborazzjoni ma’ dan ir-Reġjun, l-istess jistà jgħamel NGO sabiex jibbenefika mill-persentaġġ sħieħ tal-fondi.

## 44.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

44.8.1 Il-President ġibed l-attenzjoni l-iskemi finanzjarji dwar l-iskemi mill-Kunsill Reġjonali, hu spjega kif ir-Reġjun huwa awtorizzat iħallas biss ġaladarba l-affarijiet saru skond l-iskema. Minħabba din ir-raġuni hu spjega kif jidher li hemm madwar tliet Kunsilli Lokali li fl-iskemi għal Covid19 *packs* u għal maskri inxtraw bi prezzijiet għola minn dawk li tressqu mir-Reġjun.

44.8.2 Is-Sur Fenech Adami kompla jgħid kif hu tkellem mad-Dipartiment għal kjarifika u fuq ordni tiegħu, hu spjega li dawn il-Kunsilli Lokali ma jistgħux jitħalsu.

44.8.3 Il-Membri talbu lill-President jgħid min kienu dawn il-Kunsilli Lokali.

44.8.4 Il-President spjega kif il-Kunsill tal-Gżira għamel ordni ħażina u kienet inġbidet l-attenzjoni permezz ta’ emejl kif minn ħames oġġetti mniżżla fl-iskema kienu nxtraw tliet oġġetti biss u għal din ir-raġuni dan il-Kunsill Lokali mhux ser jiġi rifondut il-ħlas.

44.8.5 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, spjega li l-Kunsill kien mexa b’dan il-mod sabiex ikollu prezz orħos u b’hekk ikun jistà jixtri aktar minn dawn il-*packs* biex ikun jistà jqassam iktar nies.

44.8.6 Il-President semma wkoll dwar il-problema li kien hemm fil-Kunsill Lokali ta’ Ħ’Attard fejn il-maskli li nxtraw kienu prezz għola mill-prezzijiet li kienu ġew provduta mill-Kunsill Reġjonali Ċentru.

44.8.7 Is-Sindku ta’ Ħ’Attard, is-Sur Stefan Cordina, spjega kif hu kien ċar mill-ewwel kif l-ewwel inizjattiva kienet ittieħdet mill-Kunsill f’Ottubru, qabel mal-Kunsill Reġjonali kien ħareġ din l-iskema finanazjarja.

44.8.8 Is-Sur Cordina żied jgħid li jekk il-President jidirlu li dan ir-rimborż m’għandux jingħata, mhux ha jsib oġġezzjoni madanakollu huwa talab kif fil-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li jmiss, l-iskemi għandhom jiġu diskussi b’mod aħjar qabel ma jinħarġu.

44.8.9 Is-Sur Cordina żied jgħid ukoll kif il-President m’għandu l-ebda dritt li jimponi fuq il-Kunsilli Lokali minn fejn għandhom jinxtraw l-affarijiet u kif dawn il-kwotazzjonijiet kienu ntbagħtu permezz ta’ emejl mill-President u lanqas mis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun.

44.8.10 Il-President spjega li d-dokumenti li ngħataw mill-Kunsill ta’ Ħ’Attard kienu jinkludu kwotazzjonijiet datati wara li kienet inħarġet l-iskema u mhux qabel.

44.8.11 Is-Sindku ta’ Ħ’Attard talab lill-President isaqsi x’inhi l-oppinjoni tal-kumplament tal-membri preżenti.

44.8.12 Is-Sindku tal-Gżira spjega kif hu ma jaqbilx kif il-Kunsill irid jixtri preċiżament dak li għandu fl-iskema.

44.8.13 Is-Sindku ta’ San Ġwann, is-Sur Trevor Fenech, spjega kif fil-każ tagħom il-Covid19 *packs* kienu nxtraw kif kien ġie mitlub u il-maskri nxtraw bi prezz orħos minn dak provdut mir-Reġjun.

44.8.14 Is-Sur Fenech issuġġerixxa kif għal din l-iskema, il-ħlasijiet għandhom isiru pero ma jerġgħux jirrepetu dawn l-iżbalji fi skemi finanzarji oħra.

44.8.15 Il-President spjega kif kull skema finanzarjara li nħarġet mill-Kunsill Reġjonali kienu kollha diskussa waqt laqgħat tar-Reġjun u dejjem saru biss dawk l-iskemi li approvaw il-membri.

44.8.16 Il-membri preżenti komplew b'diskussjoni dwar dan is-suġġett.

44.8.17 Għalkemm kien hemm qbil dwar il-pagamenti fl-iskeda ta' ħlasijiet, is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk il-pagamenti kollha humiex approvati.

44.8.18 Il-President spjega li għalissa jkun aħjar jekk il-pagament għal -Kunsill Liokali ta' Ħ'Attard dwar skema numru 9/2020 jinżamm pendenti sakemm hu jiċċara l-affarijiet.

44.8.19 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, sekondat mis-Sindku ta' San Ġwann, is-Sur Trevor Fenech, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 40A u 40B.

44.8.20 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 44.9 Mozzjonijiet

44.9.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 44.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

44.10.1 Il-laqgħa intemmet fis-7:40 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 25 ta' Frar, 2021 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 25 ta' Frar, 2021.

IFFIRMATA

Michael Fenech Adami
President

IFFIRMATA

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv